Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2024/0155(NLE)

8.04.2026

***

ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża dwar il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) u l-awtoritajiet tar-Repubblika Libaniża kompetenti mill-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali
(13619/2024 – C10-0333/2025 – 2024/0155(NLE))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Jaroslav Bžoch

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 6

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT 8

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni f’isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża dwar il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (il-Eurojust) u l-awtoritajiet tar-Repubblika Libaniża kompetenti mill-kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kriminali
(13619/2024 – C10-0333/2025 – 2024/0155(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (13619)2024),

– wara li kkunsidra l-abbozz ta’ ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża dwar il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (il-Eurojust) u l-awtoritajiet tar-Repubblika Libaniża kompetenti mill-kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kriminali (13239/24),

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 16(2), l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), u l-Artikolu 218(7), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C10-0333/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 107(1) u (4), u l-Artikolu 117(7) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A10-0000/2026),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-awtoritajiet tar-Repubblika Libaniża.

NOTA SPJEGATTIVA

Id-deċiżjoni proposta tal-Kunsill tfittex li tapprova l-ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża dwar il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (il-Eurojust) u l-awtoritajiet tar-Repubblika Libaniża kompetenti mill-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali (il-"Ftehim").

Il-ftehimiet internazzjonali dwar il-kooperazzjoni jippermettu lill-Eurojust tikkoopera mill-qrib u tiskambja data personali mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi magħżula, peress li jiggarantixxu li jkun hemm fis-seħħ salvagwardji adegwati fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali tal-individwi. Il-kooperazzjoni mill-qrib tal-Eurojust mal-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi hija essenzjali biex tiġi miġġielda firxa wiesgħa ta' reati kriminali transfruntiera serji u kumplessi bħat-terroriżmu, iċ-ċiberkriminalità, it-traffikar tad-drogi u tal-armi illeċiti jew il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti.

Il-kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi terzi hija prevista li tkun parti integrali mill-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna l-ġdida. Il-Kummissjoni kienet diġà rrakkomandat fl-2020 li jinfetħu n-negozjati tal-Ftehim. Il-Kunsill ipprovda l-awtorizzazzjoni tiegħu fl-1 ta' Marzu 2021, u n-negozjati bdew aktar tard f'Diċembru 2022. Wara żewġ ċikli ta' taħditiet, il-proċess ta' negozjati ġie ffinalizzat b'suċċess, u ntlaħaq ftehim preliminari fil-11 ta' Ottubru 2023. Il-Ftehim ġie adottat mill-Kunsill fl-10 ta' Ottubru 2024. Il-Ftehim ġie ffirmat mill-Kummissarju Michael McGrath u l-Ministru tal-Ġustizzja Libaniż, Adel Nassar, fit-2 ta' Diċembru 2025.

L-objettiv ta' dan il-Ftehim huwa li jsaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Eurojust u l-awtoritajiet kompetenti Libaniżi billi jippermetti l-iskambju ta' informazzjoni operazzjonali bejn l-Eurojust u l-awtoritajiet ġudizzjarji Libaniżi, sabiex jappoġġja u jsaħħaħ il-kooperazzjoni tagħhom biex jinvestigaw u jipproċessaw reati kriminali transfruntiera serji. Il-Ftehim se jsaħħaħ b'mod sinifikanti r-rispons koordinat tal-UE u tal-Libanu fir-rigward tal-kriminalità serja tranżnazzjonali, b'mod partikolari l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, inkluż fil-kuntest ta' investigazzjonijiet konġunti. Għal din ir-raġuni, il-Libanu se jaħtar Prosekutur ta' Kollegament għall-Eurojust li se jaħdem flimkien mal-prosekuturi mill-Istati Membri tal-UE u minn pajjiżi sħab oħra.

Il-Ftehim jipprevedi wkoll salvagwardji b'saħħithom dwar il-protezzjoni tad-data u d-drittijiet fundamentali li jikkonformaw man-normi Ewropej. Skont l-Opinjoni 19/2024 tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (l-"EDPS") tat-28 ta' Awwissu 2024, it-test finali tal-Ftehim isemmi salvagwardji adegwati fir-rigward tal-protezzjoni tal-privatezza u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi, filwaqt li jipprovdi salvagwardji addizzjonali għall-protezzjoni tad-data personali taċ-ċittadini tal-UE ttrasferita mill-Eurojust lill-awtoritajiet Libaniżi. F'dan ir-rigward, fit-13 ta' April 2026 il-Kummissjoni infurmat lir-rapporteur u lix-shadow rapporteurs, u kkonfermat li l-Ftehim bl-ebda mod ma jimmina l-privatezza u l-protezzjoni tad-data favur is-sigurtà.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ir-rapporteur jirrakkomanda li l-Parlament japprova t-test tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

Ir-rapporteur jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu li fir-rapport tiegħu ma inkludiex kontribut mingħand rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1], jew mingħand rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li għandhom jiġu elenkati f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).